2025/1187 12.6.2025

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2025/1187**

**tal-10 ta' Ġunju 2025**

**li testendi l-mandat tal-Kap ta' Missjoni tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo * (EULEX KOSOVO) (EULEX KOSOVO/1/2025)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/124/PESK tal-4 ta' Frar 2008 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, EULEX KOSOVO ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12(2) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 12(2) tal-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti bl-għan li jeżerċita kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-EULEX KOSOVO, inkluż deċiżjonijiet rigward il-ħatra tal-Kap ta' Missjoni.

(2) Fit-13 ta' Ġunju 2023, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1164 ([2]), dwar il-ħatra tas-Sur Giovanni Pietro BARBANO bħala Kap ta' Missjoni tal-EULEX KOSOVO mis-26 ta' Ġunju 2023 sal-14 ta' Ġunju 2025.

(3) Fid-29 ta' April 2025, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà pproponiet l-estensjoni tal-mandat tas-Sur Giovanni Pietro BARBANO bħala l-Kap ta' Missjoni tal-EULEX KOSOVO mill-15 ta' Ġunju 2025 sal-14 ta' Ġunju 2026.

(4) Fil-5 ta' Ġunju 2025, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2025/1161 ([3]), li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK u testendi l-mandat tal-EULEX KOSOVO mill-15 ta' Ġunju 2025 sal-14 ta' Ġunju 2027.

(5) Għalhekk jenħtieġ li l-mandat tal-Kap ta' Missjoni attwali tal-EULEX KOSOVO jiġi estiż għal perjodu ta' sena oħra,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-mandat tas-Sur Giovanni Pietro BARBANO bħala Kap ta' Missjoni tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo (EULEX KOSOVO) huwa b'dan estiż għall-perjodu mill-15 ta' Ġunju 2025 sal-14 ta' Ġunju 2026.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Ġunju 2025.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

D. PRONK

---

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus u huwa konformi mal-UNSCR 1244 (1999) u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

([1]) ĠU L 42, 16.2.2008, p. 92, ELI: http://data.europa.eu/eli/joint_action/2008/124/oj.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2023/1164 tat-13 ta' Ġunju 2023 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo (EULEX KOSOVO) (EULEX KOSOVO/1/2023), (ĠU L 154, 15.6.2023, p. 47, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/1164/oj).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2025/1161 tal-5 ta' Ġunju 2025 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, EULEX KOSOVO (ĠU L, 2025/1161, 6.6.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/1161/oj).